MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2004

Citazzjoni Numru. 1616/2001/1

***Henry Fenech Azzopardi [Travel] Limited***
***vs***
***Francis Borg f' ismu proprju u ghan-nom tad-ditta***
***Oilfield Supplies and Services Limited***

Il-Qorti,
Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu s-socjeta' attrici, wara li ppremettiet: illi l-attur huwa konvenut fis-somma ta' Lm12,306.65 [tnax-il elf lira, tlett mija u sitta u hamsa u sittin centezmu] oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2001, somma bilancjali ghall-prezz ta' flight tickets mibjugha lill-konvenut fis-snin 1999/2000; illi l-attur interpella lill-konvenut diversi drabi biex ihallsu s-somma fuq imsemmija pero' baqa' inadempjenti; illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u skadut; illi l-attur jaf lilu nnifsu b' dawn il-fatti kif fuq iddikjarati; illi l-konvenut ma ghandu ebda eccezzjoni valida x' jissolleva; talbet li l-konvenut proprio et nomine prevja kwalisasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif

dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur ta’ l-artikolu 167 tal-Kodici u Organizzazjoni u Procedura Civili, jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex: 1. Tikkundanna lill-konvenut proprio et nomine ihallas lill-attur is-somma ta’ Lm12,306.65 [tnax-il elf lira, tlett mija u sitta u hamsa u sittin centezmu] oltre l-imghax legali mill-1 ta’ Jannar 2001, somma bilancjali ghall-prezz ta’ flight tickets mibjugha lill-konvenut fis-snin 1999/2000 bilancjali ghall-prezz ta’ flight tickets mibjugha lill-konvenut fis-snin 1999/2000. Bl-ispejjez komprizi dawk tal-mandat ta’ sekwestru numru 2757/01 u bl-ingunzjoni tal-konvenut proprio et nomine ghas-subizzjoni;

Rat li b’ digriet moghti minn din il-Qorti fis-6 ta’ Novembru 2001 il-konvenut gie awtorizzat jipprezenta nota tal-eccezzjonijiet;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut proprju et nomine li biha eccepixxa: 1. Illi f’ ismu proprju Francis Borg ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici u ghalhekk ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju bl-ispejjez kontra s-socjeta’ attrici; 2.Illi ma tesisti beda ditta Oilfield Supply & Services izda tezisti socjeta’ Oilfield supplies & Services Limited u hija din is-socjeta’ li kellha relazzjoni guridika mas-socjeta’ attrici – salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet, u l-lista tax-xhieda;

Rat li fl-udjenza tat-28 ta’ Ottubru 2003 il-kawza giet ceduta fil-konfront tal-konvenut Francis Borg proprju u nzammet ferma fil-konfront tas-socjeta’ konvenuta;

Rat li fl-udjenza tal-10 ta’ Dicembru 2003 il-kawza giet differita ghas-sentenza ghallum;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

Ikkunsidrat

Illi mill-provi rrizulta sodisfacentement li l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici huwa dovut mis-socjeta' konvenuta. Dan gie wkoll konfermat minn Francis Borg direttur tal-istess socjeta'.[1]

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba attrici fil-konfront tal-konvenut Francis Borg proprio stante cessjoni, tilqa' l-istess talba attrici fil-konfront tas-socjeta' Oilfield Supplies and Services Limited u tikkundannaha thallas lis-socjeta' attrici l-imsemmija somma ta' Lm12,306.65 [tnax-il elf lira, tlett mija u sitta u hamsa u sittin centezmu] oltre l-imghax legali mill-1 ta' Jannar 2001, bl-ispejjez kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] Dep.6.11.2001